MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 527/2011

**Malta Industrial Parks Limited**

**Vs**

**Biochemicals International Limited**

Il-Qorti,
Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-1 ta’ Gunju 2011 li permezz tieghu l-attrici talbet li :-
1. Il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh skond l-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12.
2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ €457,920.7 li tirraprezenta in kwantu ghal €263,234.9 kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika KKW200A ghall-perjodu sal-1 ta’ April 2011, filwaqt li s-somma ta’ €194,685.8 hi l-kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika K04 sal-perjodu li ghalaq fit-30 ta’ Gunju 2007, li jinsabu fil-Qasam Industrijali, Kordin.

3. Tordna lill-konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju tigi zgumbrata mill-fabbrika KKW200A fil-Qasam Industrijali, Kordin u tikkonsenja c-cwievet tal-fabbrika.

Jirrizulta li l-konvenuta bdiet tokkupa l-fabbrika :-

a) KKW200A wara letter of intent li nharget mill-MDC fit-28 ta' Jannar 1986.

b) K04 wara letter of intent li nharget mill-MDC fis-17 ta' Mejju 1999.

u li baqghet moruza fil-hlas tal-kumpens.

Jirrizulta wkoll li ghal din l-okkupazzjoni kellu jithallas kumpens skond ir-rati stabbiliti fid-dokumenti fuq imsemmija. L-attrici ppremettiet li permezz tal-Avvizi Legali 360 u 361 tal-2004, l-attrici assumiet il-jeddijiet u obbligi li kienu tal-MDC.

L-attrici ppremettiet li miz-zewg fabbriki, il-kumpannija konvenuta baqghet tokkupa l-fabbrika KKW200A.

Il-konvenut giet debitament notifikata, u fis-seduta hadd ma deher ghalija sabiex jikkontesta t-talba tal-attrici. Skond l-Artikolu 170 jekk il-konvenut jonqos milli jidher u jikkontesta r-rikors guramentat, il-qorti ghandha minnufih tghaddi ghas-sentenza billi tilqa' t-talba tal-attur.

Semghet bil-gurament lil Joseph Zammit, Financial Officer tal-attrici li:-

i. Ikkonferma l-prospett tar-rendikont Dok. C.

ii. Iddikjara li minn meta giet prezentata l-kawza, ma sar l-ebda hlas.

iii. Iddikjara li l-fond KKW200A, jinzamm maghluq. Il-pussess tal-fond l-iehor kien inghata lura lill-attrici.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta‘ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa‘ t-talbiet tal-attrici u:-**

**1. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta‘ erbgha mija sebgha u hamsin elf disgha mija u ghoxrin ewro u sebghin centezmu (€457,920.70), in kwantu ghal €263,234.90 kumpens ghall-uzu tal-fabbrika KKW200A ghall-perjodu li jkopri sal-iskadenza tal-1 ta‘ April 2011, u €194,685.8 kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika K04 li jkopri sal-perjodu li ghalaq fit-30 ta‘ Gunju 2007.**

**2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex fi zmien tletin (30) jum mil-lum tizgombra minn gewwa l-fabbrika KKW200A, Qasam Industrijali, Kordin.**
**Spejjez kollha a karigu tal-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------